**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 4.12.11.: IT-TIENI ĦADD TAL-AVVENT.**
**IT-TNEJN, 5.12.11:** L-Ewwel Tnejn tax-Xahar.
F'nofs inhar ikun hemm il-quddiesa fiċ-Ċimiterju.

JUM IL-VOLUNTARJAT

Tajjeb li wieħed jistaqsi lilu nnifsu fejn jista' jgħin b'mod voluntarju għall-ġid tal-komunita' li jgħix fiha.

**IT-TLIETA, 6.12.11: LAQGĦA TAL-LECTIO DIVINA.**
Fis-6.30p.m. Ikun hawn il-laqgħa tal-Grupp tal-Kelma ta' Alla. Din tkun fis-sala tad-Dar Parrokkjali.

**LAQGĦA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ F'MALTA**

Illum se ssir laqgħa għaż-Żgħażagħ Għawdxin li jaħdmu jew jistudjaw Malta.
Din se tkun fil-Kappella ta' l-Universita' u tibda fis-7.15p.m.

**IL-ĦAMIS, 8.12.11: SOLENNITA' TAT-TNISSIL BLA TEBGĦA TAL-VERĠNI MARIJA. IL-KUNĊIZZJONI**
Nittama li kulħadd iqaddes din il-ġurnata bil-quddiesa u tqarbina.
Il-quddies ikun bħal nhar ta' xogħol, pero jkun hawn quddiesa oħra **fil-11.00a.m.**
**Fil-10.30a.m**. Ikun hawn nofs siegħa Adorazzjoni li tkun mmexxija mill-membri Leġjunarji.
**Fis-12.45p.m.** Jitlaq Pellegrinaġġ mill-parroċċa tagħna għas-Santwarju tal-Kunċizzjoni fil-Qala. Hemmhekk se jkun hemm wkoll il-quddiesa.
**IL-ĦADD, 11.12.11: IT-TIELET ĦADD TAL-AVVENT**
Il-Ġabra li ssir llum fil-knisja tkun għar-restawri. Nagħmel appell biex ngħinu mill-aħjar.

**Fil-11.15a.m.** Ikollna laqgħa oħra ta' formazzjoni fil-kors ta' tħejjija għaż-żwieġ, għall-għarajjes.
Din il-laqgħa tkun fid-Dar Parrokkjali

**FAMILJI GĦALL-'FOSTERING'**

Talba lil dawk il-familji fil-parroċċa tagħna li jixtiequ jagħmlu l-esperjenza ta' fostering.
Hemm bżonn ta' familji li joffru kenn lil diversi tfal li għaddejjin minn xi diffikulta fl-ambjent tagħhom. Dan jista' jkun għal żmien kemm twil u kemm qasir, skont il-kaz. Il-fostering joffri lill-familja opportunita' li twettaq att ta' karita' kbira ma' dawn it-tfal. Għal aktar informazzjoni kellmu lill-Arċipriet, jew ikkuntattjaw direttament lid-Dar Ġuzeppa Debono fuq 21552595 jew 79067148.

## TQASSIM TAL-KALENDARJU U ĠABRA

Nhar il-**Ġimgħa**, 9 ta' Diċembru mill-3.45p.m. 'l quddiem se nqassmulkom il-Kalendarju tal-Parroċċa u fl-istess ħin se nagħmlu Ġabra. Din se tkun biex tissewwa il-ħsara li għandna fil-parti ta' fuq tal-koppla.
Għalhekk nagħmel appell biex kulħadd jgħin mill-aħjar li jista'.

## PONSJETTI

Biex inżejnu l-knisja għall-Milied, se nużaw ix-xtieli tal-ponsjetti u neħtieġu numru konsiderevoli minnhom.
Għalhekk qed nagħmlu sejħa biex min jixtieq iħallas xitla tal-ponsjetta għall-Milied ikellimna fl-uffiċċju parrokkjali, sa nhar il-Ħamis. Kull xitla tiswa **€4.** Grazzi.

**ĠABRA GĦALL-KARITA'**

Il-Ġabra li saret f'Jum il-Karita', kienet is-somma ta' €421.
Grazzi ħafna.